Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il- Każ M.11011 – EQT / TRESCAL)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 60/19)

1. Fid-9 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— EQT Fund Management S.à r.l. ("EFMS", il-Lussemburgu), ikkontrollata minn EQT AB ("EQT", l-Iżvezja);

— Talbot International SAS ("Trescal", Franza).

EFMS se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Trescal kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi konċernati huma dawn li ġejjin:

— EFMS taġixxi bħala l-maniġer tal-fond għal u f'isem ċertu fond tal-EQT li jikkontrolla u li jinvesti fin-negozji tal-infrastruttura primarjament fl-Ewropa u fl-Amerka ta' Fuq;

— Trescal, permezz tal-grupp ta' kumpaniji tagħha, hija attiva fis-servizzi ta' ttestjar, spezzjoni u ċertifikazzjoni, primarjament servizzi ta' kalibrazzjoni, lill-klijenti, fost l-oħrajn, fis-setturi ajruspazjali, tad-difiża, tal-enerġija u tal-industrija, tal-karozzi u tat-trasport, tax-xjenzi tal-ħajja, tal-elettronika, tat-telekomunikazzjoni u tal-ikel u x-xorb.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11011 – EQT / TRESCAL

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.